MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 1516/1994/2

Ralph Cordina
vs
Saviour sive Salvu Zammit

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha ppremetta:

Illi l-attur kien jinstab kreditur tal-konvenut fis-somma ta' tliet mija u wiehed u disghin lira Maltin u erbatax-il centezmu (LM391.14) ghal xoghol ta' tiswija li l-attur gie nkarigat mill-konvenut jaghmel fil-vettura R-6849 tal-konvenut (Invoice immarkata Dokument "A1"), oltre is-somma ta' tnax-il Lira Maltin u disghin centezmu (LM12.90), prezz ta' ***spare parts*** u xoghol iehor (Invoice immarkata Dokument A2);

Illi ghalkemm debitament interpellat biex ihallas dan l-ammont, il-konvenut kien baqa' inadempjenti;

L-attur talab lill-Qorti biex ghar-ragunijiet premessi u dispensat is-smiegh tal-kawza skond l-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) w invista tal-affidavit tal-attur dokument B:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ LM404.04, fuq imsemmija.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li x-xogholijiet li suppost gew ezegwiti minnu ma gewx ezegwiti skond kif kienet tirrikjedi s-sengha u l-arti, in oltre l-prezz tax-xogholijiet li kien miftiehem li jsir u ***spare parts*** huma ferm oghla minn dak originarjament miftiehem bejn il-partijiet u ghalhekk it-talbiet ta’ l-attur ghandhom jigu michuda kontra tieghu bl-ispejjez.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-digriet tal-10 ta’ Jannar 1995 li bih Captain Stephen Micallef gie nominat bhala perit tekniku.

Rat id-digriet tal-5 ta' Mejju 1995 li bih is-Sur Tony Bugeja gie nominat bhala perit tekniku in sostituzzjoni ta' Captain Stephen Micallef.

Rat id-digriet tad-19 ta' Marzu 1997 li bih gie nominat is-Sur Joseph Zammit bhala perit tekniku in sostituzzjoni tas-Sur Tony Bugeja.

Rat l-affidavit ta' Ralph Cordina fejn issemma li l-konvenut Saviour sive Salvu Zammit kien inkarigah jaghmel xoghol ta' tiswija fil-vettura R-6849. Illi l-ammont dovut lilu ta' dan ix-xoghol, li jinkludi wkoll il-***parts*** li kellu jixtri u jwahhal gol-vettura kien ta' Lm404.04. Illi ghalkemm il-vettura giet konsenjata lill-konvenut, dan baqa' ma hallasx. Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u li l-konvenut ma kellu l-ebda eccezzjonijiet x'jissolleva.

F'xhieda ohra l-attur qal li jaf lil Zammit bhala klijent tieghu u dan kellu karozza Alfa Romeo GTU. Semma li kien gie t-tifel tas-sur Zammit li qal kellu problema fil-***gear box*** tal-karozza u xi hsejjes ohrajn, tah stima ta' Lm300, izda qallu li ma kellux ***spare parts***. Qal li hallielu l-karozza u beda jahdem fuqha u meta fetah il-***gear box*** irrizulta li kellu jbiddel l-affarijiet li specifika dettaljatament.

Semma li kellu jaqla' l-***propellor shaft***, induna li l-***clutch*** kien spicca u bidlu u li kien hemm zewg ***bearings*** hziena u bidilhom, kif ukoll il-***brake pads*** kienu spiccaw u bidilhom ukoll, u ghalkemm ma kienx tah stima ta' dawn deherlu li kellu jaghmel dan ix-xoghol. Zied ighid li bidel xi partijiet ohra li ma kinux fl-istima. Qal li dan ix-xoghol fuq il-karozza lestieh f'gurnata peress li kellu l-***parts***, u t-total ta' l-***invoice*** kien jammonta ghal Lm391.14, li Lm321.14 minnhom huma tal-***parts*** u Lm70 tax-xoghol, u din l-***invoice*** kienet datata 24 ta' Frar 1994. Peress li kien klijent regolari ma talabx hlas fil-pront, izda mbaghad xi ghoxrin gurnata wara kien cempel is-Sur Zammit u qallu li l-karozza ma bdietx tistartja. Meta hadulu l-karozza qal li qalulu li l-karozza kienet gejja minghand il-***panel beater***. Kien jidher li kien sar xi xoghol fuqha ghax quddiem kien kollu stukkjat, u kien rega' bidel xi ***parts*** fil-karozza, u din

id-darba t-total gie ghal Lm12.90, Lm6.90 minnhom tal-***parts*** u LM6.00 minnhom tax-xoghol, u din l-***invoice*** kienet datata 16 ta’ Marzu 1994.

Meta kien mar ifittxu fil-fabbrika fejn kien jahdem lis-Sur Zammit, dan beda jghajru giddieb, u qallu li ma kien bidillu xejn. Ghalhekk qal li ma kellux triq ohra hlief jipprocedi bil-Qorti u zied ighid li Zammit qatt ma kitiblu biex ighidlu li x-xoghol kien sar hazin.

Kompla jghid li l-istima saret ghal fuq ix-xoghol tal-***gear box***, izda sar xi diskors fuq xi ***parts*** ohra. Qal li kien biss ghoxrin gurnata wara, meta gabuha li ma tistartjax li kien ra l-ewwel darba l-karozza, u dakinhar kien saq il-karozza u sabha tajba.

Xehed <u>Saviour Zammit</u> u qal li hu dan l-ammont qieghed jikkontestah ghax isostmi li x-xoghol ma sarx sewwa u li l-konvenut ma ghamilx dak ix-xoghol li huwa fil-fatt kellu jaghmel. F’xhieda ohra qal li ghandu Alfa Romeo GTU bin-numru R-6849, u kien baghat lit-tifel tieghu biex isewwiha, u wara xi siegha tfaccaw hdejh fil-fabbrika fejn kien jahdem l-attur u t-tifel tieghu bil-karozza, u l-attur qallu li kellu hafna spejjez. Meta l-karozza kienet lesta, ra li l-kont kien ta’ LM391 mhux kif kienu ftehmu, u meta beda jsuq il-karozza ra li l-***gear*** kien qed jaqbez. Zied ighid li l-ghada cempel lill-attur u qallu b’dan u l-ghada hadlu l-karozza, kien bidlilha l-lastiku tal-***master cylinder*** u mbaghad minn hemm hadha ghand it-tillar biex inehhilha s-sadid. Kompla jghid li sakemm kienet ghand it-tillar l-karozza ma gietx startjata u meta marru ghaliha ma startjatx u kellhom jirmunkawha.

Spjega li l-karozza kellha l-gerijiet jaqbzu, l-i***steering*** kien ihabbat u bdiet taghmel xi hsejjes, u l-attur kien qallu li bi LM300 igibha gdida, izda kien fehem li ma kenitx somma ezatta, ma hadux litteralment. Spjega li Ralph Cordina kien qallu li ser jirranga kollox. In kontro-ezami qal li ma jafx bl-incident li kellha l-karozza tieghu, izda qal li kellem lit-tifel tieghu Jean-Pierre li qallu “***hit and run***”. Izda qal li kien hu li gabar il-karozza minghand Ralph dakinhar u

baqa' jghid li ma jafx jekk it-tifel tieghu kienx involut f'kollizjoni wara li kien gabar il-karozza minghand Ralph.

Xehed George Zarb li qal kien jahdem ma' l-attur, izda kien ilu xi xhur li telaq minn mieghu. Semma li jiftakar lill-konvenut bhala klijent taghhom u hadmu darbtejn fuq il-karozza tieghu, darba minnhom qalghu l-gear box u t-tieni darba kien hemm leakage fil-***brake fluid***. Qal li hu u l-attur biss kienu hadmu fuq il-karozza in kwistjoni, u kienu huma t-tnejn li wahhlu l-***gear box*** u kienu lestew il-karozza dakinhar stess. Semma li xi ftit wara kienet regghet giet il-vettura tal-klijent imma kienet stukkjata u kienu regghu bidlula xi ***parts***.

Xehed Alfred Doublet li semma li darba jaf li kien fejn il-fabbrika Zammit Ltd. u l-attur u t-tifel tal-konvenut kienu gew fejn il-fabbrika bil-karozza u l-***mechanic*** kien qal lil Salvu li l-karozza fiha hafna spejjez u Salvu kien irrisponda mela niskreppjaha, u Ralph kien qallu li dnub ghax bi LM300 igib il-karozza kwazi gdida. Qal li jiftakar li kien ra parti mill-karozza, li hija s-***synchro hub*** li kien maqsum.

Xehed Charlie Caruana li qal huwa ***mechanic*** u kien hadem fuq l-Alfa Romeo griza tas-Sur Zammit, dan peress li kellha l-***gear box*** izerzaq u t-tieni ***gear*** kien iebes biex tingranah u kien jaghmel hoss. Semma li hu hadem fuqha qala' l-***gear box*** u zarmah, u sab it-tieni ***gear*** mikul, u l-***parts*** kien gabhomlu s-Sur Zammit. Zied ighid li l-***parts*** li biddel tahom kollha lis-Sur Zammit, wara li dam xi jumejn jahdem fuq il-karozza u ma rrizultalux li l-***gear box*** kienet diga nfethet.

Qal li jiftakar li kien hemm is-***sealer*** tal-fabbrika mal-***gear box***. Gie riferut ghall-***manual*** tal-karozza Alfa Romeo u jaf li dan jaghtik parir biex ma taqlax il-***gear box*** tal-karozza, u jekk ma jinqalax is-***seal*** tal-fabbrika jkun ghadu hemm, izda huwa qal li kemm-il darba qala' ***gear box*** ta' din it-tip ta' Alfa Romeo. Qal ukoll li ilu xi tletin sena jahdem fuq dan it-tip ta' xoghol, u li din it-tip ta' ***gear box*** tista' tiftahha minghajr ma taqlaghha minn postha.

Xehed Is-Surgent Wilfred Imbroll li qal fil-25 ta' Frar kienet saret habta ghall-habta tat-8.30p.m. f'Tigne Seafront bejn karozza numru tar-registrazzjoni W4674 u karozza numru R6849, l-ewwel wahda kienet Ford u l-ohra Alfa Romeo; il-Ford tghajjat lil certa Elaine Cini u l-vettura l-ohra tghajjat lil Saviour Zammit izda kienet misjuqa minn Jean-Pierre Zammit. Semma li jidher mir-rapport li l-karozza W4674 kienet ipparkjata fi Triq Tigne` u f'hin minnhom giet karozza R6849 li tilfet il-kontroll u baqghet diehla fil-genb taghha. Zied ighid li kienet Elaine Cini li giet taghmel ir-rapport u wara minn stharrig li sar saru jafu li l-karozza kienet misjuqa minn Jean-Pierre Zammit, u meta sejhulu l-ghassa qal li baqa' sejjer ghax beza'. Qal li dan kien ammetta u jirrizulta mir-rapport ukoll li ammetta. Huwa ikkonferma li r-rapport nizzlu hu u lil Jean-Pierre kellmu hu izda qal li ghalkemm hija procedura li jara l-karozzi normalment, din id-darba ma kienx rahom ghax kienet ***"hit and run"***. Izda, semma li meta kien baghat ghalih gie bil-karozza, u ra li l-karozza W-4674 garrbet hsarat fil-genb kollu, in-naha tal-lemin u l-fanal ta' quddiem, waqt li l-karozza R-6849 garrbet hsara zghira fuq quddiem.

Rat ir-rapport tas-Sur Joseph Zammit li fih ghamel is-segwenti rizultanzi u konkluzjonijiet:

**"Rizultanzi:**

Minn dan kollu li l-esponent hawn fuq issottometta jirrizulta li l-vettura in kwistjoni kellha problemi fit-thaddim taghha u dawk in partikolari dwar il-gearijiet. Jirrizulta li l-attur huwa mekkanik u wara li pprova lil din il-karozza huwa ta' stima ta' bejn il-mitejn u tmenin u t-tlett mitt lira Maltin.

Jirrizulta, li fit-23 ta' Frar, 1994 din il-karozza thalliet ghand l-attur sabiex jaghmel it-tiswijiet mehtiega.

Jirrizulta li l-ghada, fit-tard fil-ghaxija, l-attur irrilaxxa lil din il-vettura lil iben is-sid li mar biha sad-dar ta' missieru.

Illi l-attur ighid li mill-ewwel indika l-fatt li l-gearijiet ser ikunu ftit iebsin billi kien sar xi bdil u dawn jigu ghan-normal wara li jaghmlu r-running in.

Illi l-konvenut jikkontendi li dak inhar, kien tkellem mal-attur u indikalu li l-vettura ma kinitx giet sewwa, fejn jinghad li l-attur qallu li kienet problema taz-zejt. Il-konvenut jkompli l-ghada rega' ha l-karozza ghand l-attur, haga li pero ma setghetx issehh ghaliex il-vettura kienet effettivament involuta f'incident tat-traffiku u misjuqa minn iben il-konvenut.

Huwa ghalhekk aktar probabbli li l-vettura regghet iddahlet ghand l-attur wara li kienet lesta minghand il-panel beater xi gimghat wara l-24 ta' Frar 1994, billi din ma setghetx tistartja. Cirkostanza li z-zewg partijiet jaqblu dwarha.

Fil-kors tax-xhieda giet esebita quddiem l-esponent il-parti tas-synchro unit li nqasmet. Fuq din l-esponent ghamel l-ezamijiet teknici tieghu fejn jirrizulta li din ghadha fi stat pristin u ftit li xejn hadmet.

Ghaldaqstant, din il-parti tal-gear jirrizulta li kient inbidlet u ftit wara l-bdil taghha din garrbet il-hsarat fuqha riskontrati.

Fattur li l-esponent jixtieq jissottolinea huwa li f'karozzi ta' kalibru bhal ma hija l-Alfa u l-mudell GTV ma huwiex daqstant ragonevoli li jinghad li wara bdil fil-gearijiet dawn ikunu iebsin daqstant li l-konvenut jikkontendi li l-problema ma kinitx giet risolta u l-gearijiet kienu ghadhom qed jaqbzu.

Fil-fehma tal-esponent lanqas ma jista' jinghad b'xi probabilita li l-habta li kienet involuta fiha din il-karozza kienet il-kawza tal-qsim tal-parti tas-***synchro unit*** in kwistjoni. Ghaliex din il-parti ssib ruhha bl-aktar ***strain*** meta l-gerijiet ikunu qed jinbidlu u f'dak il-hin ikun hemm tidwir mhux imnaqqas kawza ta' mal funzjonament tal-***clutch*** li jista' jirrizulta minn ghafsa mhux adegwata, jew tluq bis-salt tal-***clutch*** jew nuqqas ta' ***hydraulic pressure*** fuq is-sistema tal-***clutch***.

Illi hija l-fehma tal-esponent li effettivamnet l-attur ghamel ix-xogholijiet fuq il-***gear box*** minnu imsemmija kif ukoll bidel il-***clutch pressure plate assembly*** u dan fl-24 ta' Frar, 1994.

Jirrizulta, li insegwitu (wara li l-vettura ftit hadmet) li l-attur innota ***leakage*** tal-***hydraulic oil*** u bidel il-***washers***.

Hija l-fehma tal-esponent li dak li gara huwa semplicement li mal-bdil tal-gearijiet kif ukoll tal-***clutch*** giet krejata sitwazzjoni ta' ***strain*** fuq is-sistema kollha liema strain ma kienx kawtelat ghalih mill-attur meta naqas li jinnota ***leakage*** ta' ***hydraulic oil***, jew nuqqas iehor fis-sistema tal-***hydraulic***. B'hekk gew kreati zewg forzi kontraposti 'l wahda fejn kellek gerijiet ftit iebsin billi kienu godda, u clutch b'sahhtu billi kien ghadu kif inbidel meta fuq in-naha l-ohra kellek nuqqas ta' pressjoni fuq il-***hydraulic system*** li b'hekk ma kienx qed jaqta' sewwa l-***clutch*** u jikkrea ***strain*** zejda fuq is-***synchro unit***.

Illi kien dan id-difett li kkreja l-qsim tal-parti koncernata u esebita quddiem l-esponent li in segwitu rega' wassal lis-sistema tal-ingranagg ma tahdimx kif mixtieq.

L-esponent jinnota wkoll li kellu ragun jghid Charles Caruana li l-***gear box*** ma nqalghetx minn postha u huwa ma sabx marki ta' ghodda fuqha u dan il-ghaliex l-attur hadem bis-sistema deskritta skond il-manwal tal-fabbrika u cioe` fetah il-***gear box*** fil-post u qala' biss il-parti centrali li maghha huma mwahhlin il-gerijiet. Il-mod kif isir dan ix-xoghol huwa f'idejn min ikun qed jaghmlu u ghazla tieghu u ma hemm xejn hazin la f'metodu u anqas f'iehor hlief li fil-metodu tal-manwal ikun ehfef u ta' anqas hin, dejjem jekk ikollok l-apparat mehtieg in partikolari metodu komdu li tahdem taht il-vettura, bhal pit jew jack li jgholli l-vettura.

Fil-fehma ta' l-esponent kien nuqqas serju da parti tal-attur li injora jew naqas li jivverifika is-sistema tal-***hydraulic*** tal-***clutch*** meta din is-sistema hija parti integrali mit-thaddim korrett tal-gerijiet aktar u aktar tenut il-bdil tal-***clutch*** u l-problemi rapportati.

Kien tali nuqqas li rega kkreja diffikultajiet u hsarat fil-***gear box*** bil-qsim tal-parti tas-***synchro unit*** in kwistjoni.

**Stimi:**
L-esponent jissottometti li l-ircevuti tax-xoghol kollu, kif rizultanti li saru huma ammissibbli ghax-xoghol li sar kemm mill-attur kif ukoll mill-mekkanik Charles Caruana kif minnhom spjegat.

A rigward l-estensjoni tax-xoghol li ghamel l-attur, jinghad biss li kienet stima originali ta' madwar tlett mitt lira, u din tibqa' biss stima ghaliex hafna drabi wiehed jirriskontra l-entita` relattiva tal-hsarat biss meta wiehed effettivament izarma u jezamina l-partijiet kollha koncernati.

Hija prassi wkoll li galadarba inqalghet jew infethet il-***gear box***, u l-***clutch*** jidher li huwa ghajjien, dan ghandu wkoll jinbidel sabiex jigi evitat ftuh ulterjuri tal-gear box fi zmien relattivament qasir u ghaldaqstant jigu evitati spejjez ulterjuri.

**Konkluzjonijiet:**
Sabiex l-esponent jaghlaq dan ir-rapport tieghu jissottometti s-segwenti konkluzjonijiet:-

1) Illi fit-23 ta' Frar, 1994 il-konvenut ikkonsenja l-vettura tieghu Alfa GTV bin-numru ta' registrazzjoni R-6849 lill-attur sabiex fuq din il-vettura isiru tiswijiet ingenti dwar problemi fil-gerijiet.
2) Illi fil-24 ta' Frar 1994 din il-vettura giet ikkonsenjata lura lill-konvenut wara li sar xoghol fuqha mill-attur.
3) Illi fil-25 ta' Frar 1994 din il-vettura kienet involuta f'habta li fl-opinjoni tal-esponent ma kinitx tali li tikkaguna hsarat fil-***gear box***.
4) Illi in segwitu din il-vettura ddahhlet ghal tiswijiet fuq il-***body*** taghha fejn damet zmien twil.
5) Illi minghand it-tellar din il-vettura harget mghobbija fuq trailer billi ma setghetx tistartja u regghet ittiehdet ghand l-attur.

6) Illi f'din it-tieni okkazjoni (16 ta' marzu 1994) l-attur ghamel tiswijiet dwar in-nuqqas ta' startjar tal-magna kif ukoll fuq il-***clutch slave cylinder***.
7) Illi fil-fehma tal-esponent kien nuqqas da parti tal-attur meta biddel partijiet ingenti mill-gerijiet u l-***clutch plate*** u naqas li jikkontrolla s-sistema tal-***hydraulic*** tal-***clutch*** liema sistema hija parti integrali ghat-thaddim korrett tal-***gear box*** kif ukoll minnha nfisha tohloq diversi problemi kif riskontrati u msemmija mill-partijiet.
8) Illi hija l-fehma tal-esponent li kien tali nuqqas da parti tal-attur li rega kkreja hsara fil-gearbox tal-vettura tal-konvenut, billi n-nuqqas ta' qtugh tal-***clutch*** ipproduca pressjoni zejda fuq is-***synchro unit*** u qasam parti minnu.
9) Illi tali hsarat setghu kienu ferm aktar u akbar li kienu xi parti minn dan is-***synchro unit*** inqalghet minn postha u dahlet bejn il-gearijiet l-ohra, haga li fortunatament ma sehhitx.
10) Illi billi l-unici hsarat riskontrati mill-mekkanik Caruana kienu rigwardanti il-qsim ta' dan il-unit huwa rilevanti jigi nnotat li l-kumplament tax-xoghol li ghamel l-attur kien benefikanti fuq il-vettura u t-thaddim taghha.
11) Illi ghaldaqstant, l-esponent ihoss li n-nuqqas da parti tal-attur li jinnota jew jaghti l-kura u attenzjoni rikjesti skond is-sengha u l-arti lejn is-sistema tal-***hydraulic*** tal-***clutch*** tirrendih responsabbli ghal eventwali spejjez inkorsi mill-konvenut u cioe` l-kont tal-mekkanik Caruana.
12) Li tali ipotezi qed tigi ibbazata ulterjorment fuq l-offerta tal-attur li saret lill-konvenut li jerga' jdahhal il-vettura ghandu sabiex isewwiha a spejjez tal-istess attur.
13) Illi jekk kienx dovut il-konvenut jerga' jiehu lill-vettura ghand l-attur, kif kien mitlub mill-attur, jew li jfittex mekkanik iehor hija kwistjoni li trid tigi deciza minn dina l-Qorti.
14) Illi l-benefikat u spejjez kif ipprezentati mill-partijiet huma fl-opinjoni tal-esponent gusti fil-mod kif inhargu l-kontijiet rispettivi, izda jekk dawn ghandhomx jintlaqghu minhabba c-cirkostanzi tal-kaz u l-fatt li huma kontroposti bejn l-attur u l-konvenut hija kwistjoni li trid tigi rizolta minn dina l-Onorabbli Qorti."

Xehed Joseph Zammit, prodott in eskussjoni bhala perit tekniku fejn giet riferuta lilu pagna 178 tal-process ossija 8 tar-rapport tieghu. Mistoqsi dwar il-karozza l-ewwel darba li dahlet ghand l-attur qal li effettivament dina dahlet minhabba xi problemi ta' startjar fil-magna. Ir-rapport tieghu huwa bazat fuq dak illi jirrizulta fil-***gearbox*** ghax hu ma kellux l-inkarigu li jara fuq il-magna. Hu fil-fatt il-magna bhala tali ma ezaminahiex izda fuq ix-xhieda li ntqalet quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi, hu ghamel l-evalwazzjoni tieghu. Waqt is-seduti hu kien ikun prezenti. Hu stess kien ghamel diversi domandi lill-***mechanic*** li kien hadem fuq il-karozza izda ma kienx prezenti ghas-seduti kollha. L-impressjoni tieghu hija li l-karozza dahlet xi tliet darbiet. L-ewwel darba bi problema ta' startjar, it-tieni darba kienet fuq problemi tal-***gearbox*** u anke wkoll il-***pressure plate*** u l-***clutch plate*** u li gew mibdulin. Mistoqsi minn fejn wasal ghall-konkluzjoni l-ewwel darba li l-karozza kien dahlet fuq problemi ta' startjar qal illi din tirrizulta mix-xhieda.

Kompla jghid li l-hsara tirriferixxi dejjem fuq il-hsara fil-***gear box***. Il-hsara principali kienet fuq il-***gear box*** pero` saru tiswijiet ohra. Kienu saru xi tiswijiet fuq il-***clutch*** apparti li l-karozza kienet involuta f'incident iehor u ghalhekk kienu regghu saru hsarat. Inoltre kienet dahlet ghal xi tiswijiet minhabba li l-karozza ma kienetx qieghda tistartja, il-gerijiet ma kienux qed jahdmu kif suppost tant li l-konvenut kien kostrett li jehodha ghand ***mechanic*** iehor biex jirranga l-hsara. Ma rrizultalux li kienu gejjin hsejjes min taht il-karozza, anqas instemghu xi hsejjes waqt li kien qed jezaminaha. Il-karozza qatt ma kien ezaminaha. Hu li ezamina mis-smiegh tax-xhieda. Qal illi hu qatt ma kien ra attwalment il-karozza, ma jiftakarx kemm kienu ilhom li saru l-hsarat qabel ma hu gie nominat biex jassisti lill-Assistent Gudizzjarju. Fix-xhieda ma nstema' qatt is-***silencer*** u allura ma setax jghid il-kagun tal-hsejjes fis-***silencer***. Li m'ghandu x'jaqsam xejn mal-hsarat tal-***gear box***, il-hrug ta' l-ilma minn hdejn il-magna qatt ma ssemma. Hija procedura li meta jsir xoghol simili bhal ma sar fuq din il-vettura in kwistjoni, l-ewwel ma ghandu jigi ezaminat is-sistema tal-***clutch*** li f'dan il-kaz, tahdem b'sistema ***hydraulic***. Huwa kompitu tal-bniedem li jkun

qieghed jahdem fuqha, illi l-ewwel ma jigi testjat is-sistema tal-***clutch***, biex il-karozza tkun tista' tintuza barra.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi fic-citazzjoni odjerna l-attur talab li jigi kanonizzat kreditur tal-konvenut fis-somma ta' Lm391.14 ghal xoghol ta' tiswija li hu ghamel fuq il-vettura R-6849 fuq inkarikgu tal-konvenut oltre s-somma ta' Lm12.90 ta' ***spare parts***. Il-konvenut laqa' ghal din it-talba billi sostna li x-xogholijiet ma gewx ezegwiti skond is-sengha u l-arti u sekondarjament li l-prezz huwa ferm oghla minn dak originarjament pattwit.

L-attur ikkontenda li hu kien ghamel xogholijiet fil-***gear box*** u fl-i***steering wheel*** tal-vettura. L-attur originarjament ta' l-istima ta' Lm300 fuq dak li hu sostna li haseb li kellha bzonn il-karozza dwar hsara fil-***gear box*** u hsejjes ta' taht, jigifieri fil-***propeller shaft***. Kompla jsostni l-attur li meta fetah sab il-bzonn ta' diversi hsarat ohra u spjega liema xoghol kien ghamel. Min-naha tieghu l-konvenut sostna li l-istima kienet ghal Lm300 u li wara li saru t-tiswijiet originali mill-attur ix-xoghol ma kienx sar tajjeb. Semma li l-karozza waqfet u li meta kienet timxi kienet timxi hazin, u li kellu jqabbad ***mechanic*** iehor, Charles Caruana, biex jirranga l-hsarat. Sostna li meta t-tieni ***mechanic***, Caruana, qala' l-***gear box***, kien sab it-tieni ***gear*** mikul u li l-***gear box*** ma kenitx infethet ghax is-***seals*** kienu ghadhom hemm.

Li huwa zgur huwa dak li rrizulta lill-espert tekniku Joseph Zammit imqabbad mill-Qorti, li ghalhekk saret l-eskussjoni tieghu baqa' jinsisti fuq ir-rapport tieghu. Hu sostna li effettivament l-attur kien ghamel xogholijiet fuq il-***gear box*** kif ukoll bidel il-***clutch pressure plate assembly*** izda irrizulta li wara l-attur kien innota ***leakage*** tal-***hydraulic oil*** u dan minhabba ***strain*** fuq is-sistema li ma kienx ikkawtela ghaliha l-attur b'forzi kontrapposti. Semma wkoll li kellu ragun il-***mechanic*** l-iehor Charles Caruana li l-***gear box*** ma nqalghetx minn postha. Hu hass li kien nuqqas serju da parti ta' l-attur li injora jew naqas li jivverifika s-sistema tal-***hydraulic*** tal-***clutch*** meta din is-sistema hija parti integrali mit-thaddim korrett tal-

gerijiet aktar u aktar tenut il-bdil tal-***clutch*** u l-problemi rapportati. Kien tali nuqqas li rega' kkreja diffikultajiet u hsarat fil-***gear box*** bil-qsim tal-parti tas-***synchro unit*** in kwistjoni. Dwar l-istimi dawn huma ammissibbli fir-rigward l-estensjoni tax-xoghol li ghamel l-attur, jinghad biss li kienet stima originali ta' madwar tliet mitt lira, u din tibqa' biss stima ghaliex hafna drabi wiehed jirriskontra l-entita` relattiva tal-hsarat biss meta wiehed effettivament izarma u jezamina l-partijiet kollha koncernati. Hija prassi wkoll li galadarba nqalghet jew infethet il-***gear box***, u l-***clutch*** jidher li huwa ghajjien, dan ghandu wkoll jinbidel sabiex jigi evitat ftuh ulterjuri tal-***gear box*** fi zmien relattivament qasir u ghaldaqstant jigu evitati spejjez ulterjuri. L-espert hass li kien nuqqas da parti tal-attur meta biddel partijiet ingenti mill-gerijiet u l-***clutch plate*** u naqas li jikkontrolla s-sistema tal-***hydraulic*** tal-***clutch*** liema sistema hija parti integrali ghat-thaddim korrett tal-***gear box*** kif ukoll minnha nfisha tohloq diversi problemi kif riskontrati u msemmija mill-partijiet. Hu sostna li kien tali nuqqas da parti ta' l-attur li rega' kkreja hsara fil-***gear box*** tal-vettura tal-konvenut, billi n-nuqqas ta' qtugh tal-***clutch*** ipproduca pressjoni zejda fuq is-***synchro unit*** u qasam parti minnu. Billi l-unici hsarat riskontrati mill-mekkanik Caruana kienu rigwardanti il-qsim ta' dan il-***unit*** huwa rilevanti jigi innutat li l-kumplament tax-xoghol li ghamel l-attur kien benefikanti fuq il-vettura u t-thaddim taghha. L-espert ghalhekk hass li n-nuqqas da parti tal-attur li jinnota jew jaghti l-kura u attenzjoni rikjesti skond is-sengha u l-arti lejn is-sistema tal-***hydraulic*** tal-***clutch*** irrendietu responsabbli ghall-eventwali spejjez inkorsi mill-konvenut u cioe` l-kont tal-mekkanik Caruana. L-istess espert hass li l-benefikat u spejjez kifipprezentati mill-partijiet huma gusti fil-mod kif inhargu l-kontijiet rispettivi.

Dan iwassal li l-Qorti jkollha tikkonkludi li kawza ta' l-agir zbaljat ta' l-attur hu kellu jhallas is-somma li tidher fuq id-dokument a fol 78b u cioe` dak imhallas lil Charles Caruana li kien Lm28 ta' ***parts*** u Lm50 ta' xoghol, ammontanti ghal Lm78. Jinghad ukoll li l-attur hareg kont lill-konvenut bazat fuq li hemm Lm70 tax-xoghol li certament jekk ghamel parti mix-xoghol hazin m'ghandux jithallas kollu tieghu u l-Qorti ***arbitrio boni viri*** sejra

thallas dan bin-nofs. Finalment jibqa' li l-kont originali kellu jkun ta' Lm300 waqt li fil-fatt il-kont li hareg inizjalment kien ta' Lm391.14 u cioe` Lm91.14 izjed, ossija cirka 30% tal-kont inizjali. Huwa veru li kif semma l-espert tekniku li wiehed ma jkunx jaf x'ser jirriskontra qabel ma jaqla' u li wara li jaqla' partijiet u jsibhom mikula jew difettuzi wiehed ghandu jbiddel dawk ukoll, izda l-Qorti thoss li kien ikun ferm aktar prudenti li minflok ma l-attur qabad u pproceda minn rajh, kien l-ewwel igib il-kunsens tal-konvenut ghal dan l-iskop. Dan iwassal li mill-kont totali ta' Lm404.04 (Lm391.14 + Lm12.90) li minnu wiehed irid inaqqas l-ammont ta' Lm78 li kellhom jithallsu lill-***mechanic*** Caruana, ta' nofs l-ammont reklamat u cioe` Lm35, kif ukoll ta' nofs l-ammont zejjed ossija Lm45.57 li jgib total dovut ta' Lm245.47.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' in parti l-eccezzjoni tal-konvenut li x-xoghol mill-attur ma sarx skond is-sengha u l-arti izda jirrizulta li xi parti mix-xoghol fil-fatt sar kif suppost u dan kif spjegat hawn fuq. Tilqa' t-talba ta' l-attur limitatament ghal Lm245.47 ossija €571.79 kif spjegat fuq.

Spejjez bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------